## 24 ta' Novembru, 1988

## Imħallef: –

## Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.

L-Avukat Dr Josè A. Herrera *noe*

*versus*

Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi

## Rappresentanza Ġuridika ta' Soċjetà Kummerċjali – Illeġittimità tal-Pesuna

*Ir-rappresentanza ġuridika tas-soċjetajiet hija rregolata mill-artikolu 120(2) ta' l-Ordinanza ta' l-1962 rigward Soċjetajiet Kummerċjali li jipprovdi illi kemm-il darba ma jkunx maħsub xort'oħra fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpanija, kull tnejn mid-diretturi, jew jekk ikun hemm direttur wieħed biss, dak id-direttur, għandhom jirrappreżentaw lill-kumpanija.*

*Il-liġi tħalli lis-soċi l-fakoltà li jirregolaw huma l-persuna jew persuni li jixtiequ li jirrappreżenta lis-soċjetà imma fin-nuqqas tirregola hija stess. Din l-espressjoni tal-volontà soċjali naturalment trid tirriżulta pubblikament bir-reġistrazzjoni apposita fir-Reġistru tas-Soċjetajiet, u dan huwa aspett pubbliku ta' ordni pubbliku. Il-volontà tal-Bord tad-Diretturi espressa privatament ma tgħoddx, għaliex allura, dik il-volontà tkun ekwivalenti għan-nuqqas ta'* desinjazzjoni li jsemmi l-artikolu 120 ta' l-Ordinanza.

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* tgħid li peress illi l-konvneut jinsab inadempjenti versu l-attur fis-somma ta' elf u ħames mitt

lira Maltija (Lm1,500) *rappresentanti dina s-somma* l-*prezz ta'* kiri ta' *"Shovel"* mit-23 ta' Marzu 1987 sas-27 ta' April 1987 bis-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60) *kuljum* u dan kif jirriżulta aħjar mill-annessa skrittura mmarkata Dok. "A"; illi l-konvenut interpellat, baqa' inadempjenti; illi jeżistu ċ-ċirkostanzi kif ikkontemplati *ai termini* ta' l-artikolu 167/170 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-konvenut m'għandu l-ebda *eċċezzjoni* x'jagħti; talab l-attur *nomine* għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex (1) tiddeċidi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ kif ipprovdut *ai termini* ta' l-artikolu 167/170 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; (2) tikkundanna lill-konvenut inadempjenti fis-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltija (Lm1500); u (3) tikkundanna l-konvenut *iħallas* is-somma *ta'* elf u ħames mitt *lira* Maltija (Lm1500) *lill*-attur; bl-ispejjeż u l-imgħax mid-data ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' April 1988 – il-konvenut jinsab inġunt għas-subizzjoni;

Il-konvenut eċċepixxa l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur *stante* li huwa m'għandux ir-rappresentanza ġuridika tas-soċjetà *Fenech Oil & Petroleum Company Limited,* u eċċezzjoni oħra li għall-iskop ta' din *id-deċiżjoni* m'hix rilevanti, peress li din hija limitata għas-soluzzjoni ta' din l-eċċezzjoni preliminari biss;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukati;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta u waqt it-trattazzjoni l-konvenut insista fuq l-eċċezzjoni tiegħu u l-attur baqa' jsostni li billi huwa ġie nnominat mill-Bord ta' diretturi tas-soċjetà attriċi – fatt li ma ġiex ikkontestat – huwa kellu b'daqshekk il-leġittimità sħiħa biex jidher fil-kawża in rappresentanza *tas-soċjetà attriċi.*

Ir-rappresentanza ġuridika tas-soċjetajiet hija rregolata mill-artikolu 120(2) ta' l-Ordinanza ta' l-1962 rigward Soċjetajiet Kummerċjali, li jgħid hekk: "Kemm-il darba ma jkunx maħsub xort'oħra fil-*memorandum* jew fl-istatut tal-kumpanija kull tnejn mid-diretturi, jew jekk ikun hemm direttur wieħed biss, dak id-direttur, għandhom jirrappreżentaw lill-kumpanija";

Il-każ preżenti huwa wieħed minn dawk li huwa rregolat mill-Istatuti Soċjali li fl-artikolu 24 ta' l-*Articles of Association* fol. 38 tal-proċess, jiddisponi illi:

"*Any director may represent the Company in judicial proceedings*";

Dan kif ifisser illi kull min, mill-pubbliku, irid jippromwovi kawża kontra s-soċjetà attriċi jista' jħarrek kwalsiasi direttur li għandu il-poter jirrappreżenta lill-istess soċjetà u daqstant ieħor għandu, kull direttur, id-dritt li, f'dik il-vesti jippromwovi azzjoni f'isem is-soċjetà;

Sussegwentement fit-18 ta' Frar 1988 dan l-artikolu ġie emendat b'mod illi dik is-sentenza ġiet sostitwita b'din:

"*The Managing Director will represent the Company in Judicial Proceedings*";

L-istitut tar-rappresentanza fl-atti ġudizzjarji huwa rregolat mil-liġi f'diversi disposizzjonijiet tagħha, imxerrdin 'l hawn u 'l hemm, fid-diversi Kodiċijiet, Ordinanzi u Atti Parlamentari. Jispikka fosthom l-artikolu 180 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili li huwa l-artikolu li jabbraċċja l-ikbar numru ta' każijiet fejn teħtieġ u hija permessa r-rappresentanza;

Fil-każ ta' soċjetà kummerċjali bħal ma hija dik in kawża, il-liġi tħalli lis-soċi l-fakoltà li jirregolaw huma l-persuni jew persuni li jixtiequ li jirrappreżenta (jew li jirrappreżentaw) lis-soċjetà, imma fin-nuqqas tirregola hija stess. Din l-espressjoni tal-volontà soċjali naturalment trid tirriżulta pubblikament bir-reġistrazzjoni appożita fir-Reġistru tas-Soċjetajiet. Dan huwa l-aspett pubbliku u ta' ordni pubbliku li l-attur ma apprezzax, fis-sottomissjonijiet tiegħu. Isegwi li l-volontà tal-Bord tad-Diretturi soċjali espressa privatament – meta ma ġietx espressa pubblikament, ma tgħoddx. Biex tgħodd trid tkun espressa pubblikament b'riferenza, fis-sens illi l-Bord ta' Diretturi jkun fl-istatuti awtorizzat li jinnomina kwalsiasi persuna biex tirrappreżenta s-soċjetà biex tippromwovi kawża. Dan l-istess poter però ma jestendix sal-punt – per eżempju – li l-Bord jgħid illi huwa jiddeċidi min għandu d-dritt tar-rappresentanza meta s-soċjetà trid tiġi mħarrka minn ħaddieħor mingħajr ma jispeċifika dik il-persuna min hija – għaliex allura, dik l-espressjoni tkun ekwivalenti għan-nuqqas ta' desinjazzjoni li jsemmi l-artikolu 120 ta' l-Ordinanza u l-istess artikolu jissupplixxi għan-nuqqas u jgħid li żewġ **diretturi**, ikunu minn ikunu, jew direttur wieħed, jekk ikun hemm irreġistrat wieħed biss, għandhom id-dritt u l-obbligu tar-rappresentanza ġuridika;

Konsiderazzjoni ulterjuri fil-mertu, hija li l-Bord ta' Diretturi f'materja ta' rappresentanza ġuridika, għandhom id-dritt tagħhom li jinnominaw rappresentant tas-soċjetà – limitat mill-Istatut u mill-Ordinanza. Meta jaqbżu dak il-limitu u ma jeżerċitawx dak il-poter fil-parametri msemmija, ikunu qegħdin jaġixxu "*ultra vires*" u għalhekk ineffiċjentement;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi li takkolji l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-

ġudizzju avvanzat minn persuna li ma tistax ikollha u kwindi, m'għandhiex, ir-rappresentanza tas-soċjetà attriċi;

Bl-ispejjeż għall-attur.